MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru. 98/2004

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Cordina)**

**VS**

**Joseph Saliba**
**Raymond Cachia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Saliba ta' 37 sena, iben Joseph u Carmela nee' Saliba imwieled Zabbar fl-24 ta' Marzu 1966 u residenti "MM Grazzja", Triq Hadd in-Nies, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 165566(M) u l-

imputat Raymond Cachia ta’ 23 sena, bin Saviour u Josephine nee’ Camilleri, imwieled Pieta fit-23 ta’ Jannar 1981, residenti 5, Sqaq Sant’ Antnin, Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 96881 (M) gew mressqin quddiemha akkuzati talli:

Fid-29 ta’ Jannar 2004 u fil-gimghat ta’ qabel, fil-Hamrun, ghamlu falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, u cioe’ dokument mahrug mill-Kunsill Lokali Hamrun, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta’ Mejju 2004 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 183, 184, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tat-8 ta’ Ottubru 2004 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kolha ta’ dan il-procediment.

Semgaht it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegata falsifikazzjoni ta’ permess ta’ parkegg mahrug mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun. F’Ottubru tas-sena 2003 il-Kunsill Lokali tal-Hamrun kien

introduca skema ta’ ‘Short Term Parking’ fil-Hamrun (id-dettalji ta’ din l-iskema jinsabu elenkati fl-ittra esebita a fol. 20 u 21 tal-process). Abbazi ta’ din l-iskema l-istess Kunsill Lokali tal-Hamrun hareg Residents Parking Permit bin-numru 618 lill-imputat Raymond Cachia liema permess kien jirreferi ghall-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAR 037 u dan peress li l-imsemmi imputat kien jirrisjedi il-Hamun u l-vettura in kwistjoni kienet wahda privata u mhux kummercjali. Ghall-habta ta’ Jannar 2004 il-Kunsill Lokali tal-Hamrun ircieva rapport li kien hemm vann tal-marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni EAB 859 li kellu Residents Parking Permit bin-numru 618. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun irrizulta li dan it-trukk kien propjeta’ tal-imputat Joseph Saliba li kien jirrisjedi f’Haz-Zabbar izda kellu hanut fi Strada Rjali l-Hamrun. Il-Kunsill Lokali tal-Hamrun talab lil Pulizija jkomplu jinvestigaw il-kaz u mill-investigazzjonijiet li ghamlu dawn tal-ahhar irrizulta li t-trukk bin-numru tar-registrazzjoni EAB 859 li kien parkeggjat fi Strada Rjali, il-Hamrun kellu mwahhal fuq il-windscreen il-permess bin-numru 618 u dan il-permess kien jidher li gie mbaghbas.  Il-permess li gie elevat mill-Pulizija jinsab esebit a fol. 23 tal-process. Meta l-Pulizija avvicinaw l-imsemmi trukk resaq lejhom l-imputat Joseph Saliba li ammetta maghhom li t-trukk kien tieghu u li l-permess kien gie falsifikat minnu.

L-imputat Joseph Saliba kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizija fit-30 ta’ Jannar 2004 (esebita a fol. 26 tal-process) fejn dan spjega li huwa kellu hanut fi Strada Rjali l-Hamrun u li kien juza l-vann tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EAB 859 bhala store izda peress li ma setghax jipparkja il-vann quddiem il-hanut ghal aktar minn siegha kienu jigu il-wardens u jghidulu sabiex inehhi l-vann. Huwa spjega li l-imputat l-iehor Raymond Cachia li kien l-gharus tat-tifla kien jisimghu igerger dwar din il-problema u peress li huwa biegh il-vettura tieghu tal-marka Skoda li kellha permess ta’ parking mahrug fuqha mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun dan tah il-permess relattiv sabiex juzah hu fuq it-trukk tieghu. L-imputat Joseph Saliba ammetta li huwa kien bidel in-numru tar-registrazzjoni imnizzel fuq il-permess kif ukoll il-kulur u l-ghamla tal-vettura indikati fuq

il-permess u li mbaghad kien wahhal il-permess fuq il-*windscreen* tal-vann tieghu. Huwa qal ukoll li lil Raymond Cachia ma kien hallsu xejn talli tah il-permess u li dan tal-ahhar ghaddielu l-permess sabiex jaghmillu pjacir.

L-imputat Raymond Cachia wkoll irrilaxxja stqarrija lil Pulizija (esebita a fol. 24 u 25 tal-process) fejn huwa qal li kellu vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAR 137 tal-marka Skoda u li kellu permess ta' *parking* mahrug fuq din il-vettura mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun. Huwa qal li kein biegh din il-vettura ghall-habta ta' Settembru jew Ottubru 2003 u wara li biegh il-vettura kien ghadda il-parking permit mahrug fuq din il-vettura lill-imputat Joseph Saliba li kien missier it-tfajla tieghu u ammetta li dan ghamlu ghaliex Saliba kien qed ikollu problemi kbar sabiex jipparkja il-vann tieghu il-Hamrun. Huwa qal li il-bdil fuq il-permess bin-numru 618 li huwa kien ghadda lill-imputat Joseph Saliba jidhirlu li kien ghamilhom l-istess Joseph Saliba.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-istqarrijiet taz-zewg imputati huma it-tnejn ammettew mal-ewwel l-involviment taghhom fil-falsifikazzjoni tal-permess fis-sens li l-imputat Joseph Saliba ammetta li kien hu li biddel id-dettalji fuq il-permess u li wahhal dan il-permess fuq il-vettura tieghu filwaqt li l-imputat Raynond Cachia ammetta li rrenda ruhu komplici ma' Joseph Saliba fil-falsifikazzjoni tal-permess billi ghaddielu l-permess riferibbli ghall-vettura tieghu sabiex Joseph Saliba ibiddel id-dettalji u juzah ghat-trukk jew vann tieghu.

Id-Difiza f'dan il-kaz izda qed tikkontendi li l-Prosekuzzjoni ma rnexilhiex tipprova li saret falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku stante li tirritjeni li l-Kunsill Lokali tal-Hamrun ma kellu ebda awtorita' sabiex johrog l-iskema in kwistjoni peress li ma saritx konsultazzjoni mal-Awtorita' tat-Trasport fir-rigward tal-hrug ta' tali skema. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-definizzjoni jew tifsira ta' x'jammonta ghal att awtentiku u pubbliku skond kif indikat fl-Artikolu 183 tal-Kodci Kriminali moghtija mill-

**Qorti tal-Appell Kriminali (sede infrejuri) fs'etnenza tat-22 a' Otubru 2004** fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Patrick Spiteri'** fejn il-Qorti qalet is-segwenti

*"Biex dokument jikwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehiteg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att".*

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexielha tipprova li saret falsifikazzjoni f'att mahrug minn awtorita' pubblika u cioe' il-Kunsill Lokali tal-Hamrun, irnexielha wkoll tipprova li d-dokument in kwistjoni kien destinat jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu u anki li d-dokument gie maghmul bil-formalitajiet mehtiega. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-falsifikazzjoni saret f'att awtentiku u pubbliku u ghalhekk taqa' fil-parametri ta' dak stabbilit fl-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexielha wkoll tipprova li l-imputat Joseph Saliba wettaq falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku u li ghamel uzu minn tali dokument falsifikat u li l-imputat Raymond Cachia kien komplici fl-ezekuzzjoni ta' tali reat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-istqarrijiet taz-zewg imputati jirrizulta li huma ikkolaboraw mal-ewwel mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u anki l-fatt li l-fedina penali ta' Raymond Cachia hija wahda netta filwaqt li dik ta' Joseph Saliba hija kwazi netta fis-sens illi jidher lli huwa instab hati ta' reati punibbli b'multa jew b'kontravenzjonijiet u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effetiva.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 42, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Raymond Cachia hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erbatax (14) -il xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Joseph Saliba hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erbatax (14)- il xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputati l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqsu milli josservawha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------